MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-14 ta' Lulju, 2021

Appell Inferjuri Numru 91/2020/1 LM

**BirdLife Malta (VO No. 052), Moviment Graffiti (VO No. 126), Din l-Art Ħelwa (VO No. 008), Friends of the Earth Malta (VO No. 091), Flimkien għal Ambjent Aħjar (VO No. 101), Dr Edward Mallia (K.I. 776939M)**
*('l-appellanti')*

***vs.***

**L-Awtorità tal-Artijiet**
*("l-appellata")*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **BirdLife Malta (VO No. 052), Moviment Graffiti (VO No. 126), Din l-Art Ħelwa (VO No. 008), Friends of the Earth Malta (VO No. 091), Flimkien għal Ambjent Aħjar (VO No. 101), Dr Edward Mallia (K.I. 776939M)**, [hawnhekk 'l-appellanti'], minn deċiżjoni tat-

Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, [minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"], tal-21 ta' Jannar, 2021 [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'], li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda li l-appellanti ma jikkwalifikawx bħala 'persuna aggravata' *ai termini* tal-artikolu 57(1) tal-Kap. 563 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk ma jistgħux jintavolaw azzjoni quddiemu.

**Fatti**

2. Ir-rikorrenti ressqu appell quddiem it-Tribunal permezz ta' rikors ippreżentat fil-11 ta' Frar, 2021 wara li l-Awtorità tal-Artijiet daħlet fi ftehim mal-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba u Konservazzjonisti (FKNK) sabiex tingħata konċessjoni għall-użu u ġestjoni ta' firxiet ta' art fil-Miżieb u l-Aħrax tal-Mellieħa, liema ftehim iġib id-data tad-disgħa (9) ta' Ottubru, 2020.

**Mertu**

3. Fir-rikors tagħhom quddiem it-Tribunal, ir-rikorrenti għamlu riferiment għall-ftehim tad-9 ta' Ottubru, 2020, iffirmat bejn l-Awtorità tal-Artijiet u l-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba u Konservazzjonisti (FKNK), li permezz tiegħu l-Awtorità tal-Artijiet għadditilha l-*'management and operation'* ta' meded kbar ta' art fl-Aħrax tal-Mellieħa u fil-Miżieb lill-FKNK, bir-riżultat li l-aċċess liberu għall-pubbliku għal dawn l-inħawi ser ikun imxekkel. Ir-rikorrenti spjegaw li huma jirrappreżentaw għaqdiet, entitajiet u individwi li għandhom l-għan li jissalvagwardjaw l-ambjent u l-wirt naturali u kulturali, li jħarsu s-saħħa taċ-ċittadini, l-aċċess pubbliku għal spazji miftuħa, kif ukoll il-ħarsien tal-liġijiet u l-

governanza tajba. Qalu li fis-7 ta' Ottubru, 2020, fil-mezzi tax-xandir dehru rapporti li meded kbar ta' art fl-Aħrax tal-Mellieħa u l-Miżieb kienu ser jingħataw lill-FKNK mill-Awtorità tal-Artijiet b'xi forma ta' qbil jew konċessjoni, u l-FKNK saħansitra ħarġet invit lill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa sabiex il-kunsilliera jattendu għaċ-ċerimonja tal-iffirmar tal-ftehim mal-Awtorità tal-Artijiet. Qalu li permezz ta' kummenti li ngħataw lill-mezzi tax-xandir mill-Ministru kkonċernat, intqal li waqt li tkun għaddejja l-kaċċa, il-familji ma jkunux jistgħu jidħlu f'dawn iż-żoni, imma l-Ministru naqas milli jispjega li effettivament hemm disa' xhur ta' kaċċa tul is-sena, u għalhekk persuni li mhumiex kaċċaturi ser jiġu mċaħħda mid-dritt li jgawdu l-kampanja liberament, ampjament u mingħajr intimidazzjoni, xkiel jew ħlas għal dan it-tul ta' żmien. Ir-rikorrenti qalu ukoll li fid-9 ta' Ottubru, 2020 huma ppreżentaw protest ġudizzjarju kontra l-Awtorità konvenuta sabiex din ma tidħol fl-ebda ftehim bħal dan mingħajr il-ħarsien tal-provvedimenti tal-liġi u l-prinċipji ta' ġustizzja naturali u d-drittijiet ta' terzi. Komplew jgħidu li minkejja dan, l-Awtorità tal-Artijiet bidlet id-data tal-iffirmar tal-ftehim mal-FKNK u ressqet 'il quddiem l-iffirmar tal-ftehim għad-9 ta' Ottubru, 2020. Qalu li dakinhar il-ftehim ġie ffirmat fil-magħluq, mingħajr il-preżenza tal-mezzi tax-xandir u mingħajr ma saret *'press call'*. Dakinhar ġie ffirmat ukoll *memorandum of understanding* bejn il-Ministeru għall-Ambjent, Ippjanar u Tibdil fil-Klima, l-Awtorità tar-Riżorsi u tal-Ambjent u l-FKNK, li r-rikorrenti qalu li kien jirreferi b'mod vag u neboluż għall-ġestjoni u proġetti tal-FKNK fuq is-siti tal-Aħrax u l-Miżieb. Qalu li d-deċiżjoni tal-Awtorità intimata li tagħti konċessjoni bħal din lill-FKNK saret b'mod unilaterali, b'mod li mhux trasparenti u bil-moħbi, u d-*disposal* ta' din l-art pubblika sar b'mod arbitrarju, mingħajr l-osservazzjoni ta' kriterji oġġettivi stipulati fil-liġi. Qalu li dan huwa trasferiment ta' art *ai termini*

tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta, imma dan it-trasferiment ma sarx skont id-dispożizzjonijiet tal-istess liġi u l-proċedura hemm stabbilita. Ir-rikorrenti spjegaw li l-ftehim tat-trasferiment inkwistjoni ma sarx wara sejħa għall-offerti ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern u fil-gazzetti lokali, jew wara avviż ta' trasferiment b'irkant, jew skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati, jew skont waħda mill-forom kif stipulat fl-istess artikolu. Qalu li dan it-trasferiment lanqas ma kien suġġett għad-dritt tal-ewwel rifjut kif trid il-liġi. Żiedu jgħidu li l-FKNK iffirmat ftehim għall-ġestjoni u l-immaniġġjar tal-imsemmija siti fl-Aħrax u l-Mellieħa, imma fil-fatt dan huwa ftehim ta' trasferiment, b'tali mod li jista' jintqal li l-Awtorità tal-Artijiet għamlet simulazzjoni ta' ftehim, għaliex il-ftehim għandu sinifikat apparenti divers minn dak li huwa fir-realtà. Qalu li l-kuntratt huwa wieħed ta' trasferiment u mhux ta' ġestjoni jew operazzjoni, u għalhekk il-kuntratt għandu jiġi annullat.

4. Ir-rikorrenti qalu li d-deċiżjoni tal-Awtorità intimata li tittrasferixxi u tafda l-ġestjoni tas-siti fl-Aħrax u l-Miżieb skont il-ftehim tad-9 ta' Ottubru, 2020, kienet imsejsa fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti u ttieħdet għal għanijiet mhux xierqa. Żiedet tgħid li ma ġewx osservati l-prinċipji ta' ġustizzja naturali u l-ħtiġijiet proċedurali mandatorji kemm fid-deċiżjoni ta' approvazzjoni biex jiġi ffirmat il-ftehim, kif ukoll fl-istess ftehim u fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar l-istess ftehim. Ir-rikorrenti komplew jgħidu li d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Artijiet dwar it-trasferiment u l-għoti tal-ġestjoni tal-imsemmija siti lill-FKNK, saret b'mod singulari, mingħajr skrutinju, evalwazzjoni u konsiderazzjonijiet meħtieġa qabel jingħataw meded estensivi ta' art pubblika lil entitajiet privati, b'mod li ser tiġi ristretta t-tgawdija libera ta' dawn l-artijiet mill-pubbliku għal żmien twil matul is-sena. Komplew jgħidu li l-mod kif sar dan it-trasferiment

jikkontrasta bil-kbir mal-mod kif jiġu pproċessati talbiet oħra għat-trasferiment ta' art pubblika minn individwi, għaqdiet u persuni oħrajn, u għalhekk l-Awtorità intimata qiegħda timxi b'mod diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrenti. Qalu wkoll li f'dan il-każ l-Awtorità intimata imponiet ħlas irriżorju ta' €200 fis-sena għal kull sit, meta dawn huma żoni estensivi li ser jintużaw minn entità privata, li ser ixxekkel u tirrestrinġi t-tgawdija ħielsa ta' art pubblika għall-membri tal-pubbliku li mhumiex membri tal-FKNK. Ir-rikorrenti qalu li dan huwa korrispettiv miżeru li ser ifisser telf kbir ta' fondi pubbliċi li jistgħu jintefqu għal għanijiet ambjentali u soċjali.

5. Ir-rikorrenti żiedu jgħidu li ż-żoni milquta b'dan il-ftehim huma Żoni Kostali kif murijin fil-Pjan Strateġiku għal Ambjent u l-Iżvilupp (SPED), li huma suġġetti għall-*Protocol on Integrated Coastal Zone Management to the Barcelona Convention,* u għalhekk Malta għandha l-obbligu li tikkonforma mal-obbligi imposti fuq il-firmatarji ta' dan il-Protokoll. Huma komplew jgħidu li partijiet mill-Aħrax u l-Miżieb huma Żoni Speċjali ta' Konservazzjoni u għalhekk jaqgħu taħt ir-reġim ambjentali għas-siti magħrufin bħala Natura 2000 skont id-Direttivi tal-Unjoni Ewropea ('il-Habitats Directive' u 'l-Birds Directive'). Ir-rikorrenti qalu li f'żoni li huma ekoloġikament sensittivi għandhom jiġu segwiti l-pjanijiet ta' ġestjoni applikabbli, kif ukoll għandhom isiru ċerti studji mandatorji u konsultazzjoni pubblika qabel jiġu varati l-pjani jew proġetti f'żoni speċjali ta' konservazzjoni. Ir-rikorrenti qalu li l-Awtorità intimata lanqas biss ħadet konjizzjoni tar-rekwiżiti mandatorji jew iġġustifikat dawn id-diverġenzi mid-dettami tal-liġi. Qalu li minflok l-Awtorità intimata ppremjat lill-FKNK bi ftehim daqstant ġeneruż, waqt li injorat il-ħafna prattiki u strutturi illegali li twettqu tul is-snin mill-membri tal-istess organizzazzjoni. Ir-rikorrenti spjegaw li

b'dan il-ftehim l-Awtorità intimata u l-FKNK koprew żoni konsiderevoli ta' art u baħar, u bidlu d-destinazzjoni u l-użu tal-art, b'mod li effettivament hemm tibdil fid-destinazzjoni u l-użu ta' dawn is-siti b'impatt fuq l-ekoloġija ambjentali u l-biodiversità, u l-istrateġija u l-ippjanar għal dawn iż-żoni. Qalu li eżerċizzju ta' dan it-tip u kobor għandu jsir skont il-liġi Ewropea, u skont l-SEA Directive li ġiet implimentata fil-Kap. 460 tal-Liġijiet ta' Malta, li timponi li ssir stima ambjentali strateġika li tinkludi t-tħejjija ta' rapport xjentifiku u dettaljat dwar l-impatti rispettivi tas-soluzzjonijiet alternattivi kollha, kif ukoll proċess ta' konsultazzjoni pubblika meta jkun maħsub li jsir tibdil jew modifika ta' xi pjan, strateġija, jew programm ta' żvilupp, liema eżerċizzju ma sarx. Ir-rikorrenti qalu li l-Awtorità intimata kisret ukoll id-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar obbligi li jemanu minn sidien ta' beni fid-demanju pubbliku *ai termini* tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrenti qalu wkoll li l-ftehim iffirmat mill-Awtorità intimata jimponi obbligu fuq il-Ministru responsabbli mill-Kaċċa u Insib biex jimpjega persuni sabiex jaħdmu bħala Uffiċjali għal Konservazzjoni, liema impjegati ser jaħdmu mal-FKNK skont il-proġett tagħhom, u dan huwa tip ta' obbligu impost fuq persuna li mhuwiex parti mill-ftehim, stante li l-Ministru għall-Kaċċa u l-Insib mhux parti jew firmatarju tal-imsemmi ftehim. Qalu wkoll li r-reklutaġġ dirett mill-Ministru bil-mod deskritt fil-kuntratt, huwa illegali u jmur kontra l-Kostituzzjoni ta' Malta.

6. L-Awtorità intimata wieġbet li l-artikolu 57(1) tal-Kap. 563 jagħti s-setgħa lit-Tribunal jirrevedi deċiżjonijiet tal-Awtorità tal-Artijiet wara li jiġi intavolat rikors minn persuna 'aggravata' b'dik id-deċiżjoni. Qalu li għalhekk irid jiġi determinat jekk fl-ewwel lok, ir-rikorrenti humiex persuni li jistgħu jitqiesu bħala 'persuni aggravati'. L-Awtorità tal-Artijiet għamlet riferiment għal deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna, fejn ġie stabbilit li sabiex persuna titqies li hija

'aggravata', din trid turi li għandha interess ġuridiku, dirett u personali skont id-duttrina stretta tal-interess ġuridiku, u għalhekk ir-rikorrenti jridu juru li għandhom dan l-interess. L-Awtorità intimata għamlet riferiment għall-artikolu 33(2) tal-Kap. 573 li jaħseb għal mekkaniżmu fejn il-partijiet li jkunu involuti fi trasferiment, l-Avukat Ġenerali u membri tal-Kamra tad-Deputati, jistgħu jattakkaw trasferiment partikolari, iżda qalu li f'dan il-każ ir-rikorrenti ma jaqgħux lanqas taħt dan id-dispost tal-liġi. L-Awtorità tal-Artijiet qalet li dan it-trasferiment huwa wieħed leġittimu, u skont is-subartikoli 31(g)(e)(x) tal-Kap. 573, li jippermettu li art tal-Gvern tingħata b'kiri jekk tkun tikkonsisti f'art li tiġi mogħtija għal raġunijiet umanitarji, filantropiċi, kulturali u soċjali. L-Awtorità tal-Artijiet ċaħdet li l-art mertu ta' dawn il-proċeduri tinsab fil-perimetru tal-kosta u li għalhekk għandha titqies bħala proprjetà fid-demanju pubbliku, u fi kwalunkwe każ 'permess amministrattiv' dejjem jista' jingħata u tali permess jinkludi speċifikament konċessjonijiet, għall-kuntrarju ta' forom oħra ta' trasferiment, bħalma jkun per eżempju, il-bejgħ.

7. Flimkien mar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti ppreżentaw kopja tal-ftehim tad-9 ta' Ottubru, 2020 bejn l-Awtorità tal-Artijiet u l-FKNK, kopja tal-*Memorandum of Understanding* iffirmat mill-Ministeru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi u l-FKNK, kopja tal-*press release* maħruġa mill-Gvern ta' Malta fl-10 ta' Ottubru, 2020, li permezz tagħha ġew spjegati diversi punti relattivi għall-imsemmi ftehim, kif ukoll kopja tal-*Protocol on Integrated Coastal Zone Management to the Barcelona Convention.*

8. **Mark Sultana**, Kap Eżekuttiv tal-BirdLife Malta, xehed li huwa jemmen li BirdLife Malta għandha interess ġuridiku primarjament għaliex kwalunkwe ċittadin jew għaqda li tifforma parti mis-soċjetà ċivili, għandu jkollha l-mezzi legali sabiex twaqqaf lill-Gvern milli jopera b'mod illegali. Żied jgħid li BirdLife Malta taħdem biex f'Malta jkun hawn kultura ta' rispett lejn in-natura u lejn il-*habitats* naturali, u sabiex artijiet pubbliċi jkunu mħarsa u protetti biex ikunu jistgħu jitgawdew mill-pubbliku b'rispett lejn il-ħolqien naturali. Qal li BirdLife Malta ħadmet fuq diversi proġetti fl-inħawi tal-Aħrax tal-Mellieħa, fejn qegħdin isiru studji fuq speċi ta' għasafar. Ix-xhud qal li waqt l-osservazzjoni tal-passa tal-għasafar, membri tal-BirdLife Malta ħafna drabi jiltaqgħu ma' għadd ta' illegalitajiet, kif ukoll jikkostataw li saru diversi strutturi illegali, u kien għalhekk li anki nkitbu xi rapporti dwar illegalitajiet li saru f'dawn is-siti allegatament minn membri tal-FKNK.

9. Permezz ta' nota, ir-rikorrenti ppreżentaw kopja tal-istatut ta' Din l-Art Ħelwa, kopja tal-istatut ta' Friends of the Earth Malta, kopja tal-istatut tal-Moviment Graffiti, kopja tal-istatut ta' Flimkien għal Ambjent Aħjar, kopja tal-kuntratt bejn Flimkien għal Ambjent Aħjar u d-Dipartiment tal-Artijiet tal-1 ta' Jannar, 2015, kopja ta' kuntratt bejn Flimkien għal Ambjent Aħjar u l-Awtorità tal-Artijiet tal-20 ta' April, 2018, *affidavit* ta' Dr Edward Mallia, kopja tal-istatut ta' BirdLife Malta, u rapport dwar l-istatus legali u ambjentali tas-siti tal-Aħrax u l-Miżieb.

10. **Dr Edward Mallia** fl-*affidavit* tiegħu spjega li huwa ilu snin involut f'NGOs għall-ħarsien tal-ambjent, u ilu attivist f'dan il-qasam minħabba diversi proġetti li gvernijiet suċċessivi riedu jagħmlu f'pajjiżna, li huwa kien jemmen li kienu ser

iħallu impatt ambjentali. Semma kif huwa kien involut fl-abbozzar tal-Malta Annual Greenhouse Gas inventories, fl-evalwazzjoni tal-proposta għall-bini ta' impjant għall-manifattura tas-siment f'Ħal Far, kif ukoll f'diversi proposti li saru għat-titjib tal-impjant ta' Sant'Antnin. Qal li bħala parti mill-interess tiegħu f'temi ambjentali, huwa jdur l-ispazji miftuħa f'Malta u Għawdex, u spiss iżur il-Miżieb. Qal li dan is-sit għandu abitat uniku u aktarx li għandu importanza ekoloġika akbar mill-Buskett, iżda seta' jinnota matul is-snin li *"the Miżieb Woodland has not seriously improved in the long period under 'the care' of FKNK".* Ix-xhud qal li għalhekk l-involviment tiegħu f'diversi kwistjonijiet relatati mal-ħarsien tal-ambjent f'pajjiżna, għandu jkun prova tajba biżżejjed li huwa għandu l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex jipproponi r-rikors tal-appell imressaq mir-rikorrenti f'dawn il-proċeduri.

11. Quddiem it-Tribunal xehed **André Callus**, esponent tal-Moviment Graffiti, li spjega li dan huwa moviment li jaħdem kontra l-isfruttament tan-nies, l-ambjent u l-annimali. Qal li f'dan il-każ l-interess tal-Moviment Graffiti jolqot dawn it-tliet aspetti għaliex l-art inkwistjoni hija art pubblika, u l-aċċess għaliha ser jiġi limitat sabiex tkun tista' titgawda minn grupp żgħir ta' nies a skapitu ta' persuni oħra. Qal li f'din l-art hemm għadd ta' illegalitajiet li saru mill-istess membri tal-FKNK, li ser tiġi fdata bl-amministrazzjoni tal-art. Ix-xhud qal li l-Moviment Graffiti involva ruħu fil-kawża wkoll għaliex l-art ser tintuża għall-kaċċa u għalhekk mhux ser ikun hemm ħarsien tal-annimali.

12. **Il-Professur Alex Torpiano** qal li huwa għandu interess kemm bħala ċittadin kif ukoll bħala membru tal-għaqda li jirrappreżenta Din l-Art Ħelwa. Ix-xhud qal li din l-għaqda ilha mwaqqfa ħamsa u ħamsin sena, u tul dawn is-snin

l-Istat ġieli għadda xi siti lil din l-għaqda, bil-kundizzjoni li din tirrestawrahom u troddhom lura lill-Istat aħjar milli sabithom.

13. **Dr Edward Mallia** xehed li huwa ilu involut fi kwistjonijiet ambjentali għal aktar minn tletin sena, iżda qal li huwa qatt ma ġie notifikat bid-deċiżjoni tal-Awtorità intimata li tgħaddi din l-art lill-FKNK.

## Is-Sentenza Appellata

13. Permezz tas-sentenza mogħtija fil-21 ta' Jannar, 2021, it-Tribunal iddeċieda li jilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-Awtorità intimata, billi ddikjara li r-rikorrenti ma jikkwalifikawx bħala 'persuna aggravata' *ai termini* tal-artikolu 57(1) tal-Kap. 563, u għalhekk ma jistgħux jintavolaw l-azzjoni odjerna quddiemu, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Illi r-rikorrenti pproċedew bir-rikors in kwistjoni stante li jsostnu li ftehim iffirmat bejn l-Awtorità intimata u l-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba u Konservazzjonisti (FKNK) għandu diversi irregolaritajiet u illegalitajiet. Għaldaqstant qegħdin jitolbu illi dan it-Tribunal iħassar u jirrevoka d-deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità intimata fejn ġie approvat il-ftehim de quo u wkoll li jħassar l-istess ftehim iffirmat fid-9 ta' Ottubru, 2020.*
>
> *Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi fid-9 ta' Ottubru, 2020 l-Awtorità intimata u l-FKNK daħlu fi ftehim ta'* 'management and operation' *tas-siti tal-Aħrax, fil-limiti tal-Mellieħa u l-Miżieb għal żmien tliet (3) snin. (fn. 18 esebit bħala Dokument 1 a fol. 15 et seq). Fl-istess ġurnata, l-FKNK iffirmat Memorandum of Understanding intitolat 'Memorandum of Understanding (MoU) for the conservation of the natural environment of l-Aħrax (l/o Mellieħa) and Miżieb' mal-Ministru tal-Ambjent, Tibdil fil-Klima u Ippjanar u mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi stante li s-sit konċess kien jinkludi diversi siti u speċi protetti taħt l-Att dwar il-Ħarsien tal-Ambjent. (fn. 19 esebit bħala Dokument 2 a fol. 29 et seq).*

*Illi r-rikorrenti jisħqu illi huma saru jafu b'dan il-ftehim jumejn qabel l-iffirmar tiegħu, u ċioe fis-7 ta' Ottubru, 2020, permezz ta' rapporti fil-mezzi tax-xandir. Għaldaqstant, fid-9 ta' Ottubru, 2020, u ċioe fl-istess ġurnata li ġie ffirmat il-ftehim, huma, flimkien ma' terzi, ressqu protest ġudizzjarju kontra l-Awtorità intimata, il-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali l-Onorevoli Ian Borg u s-Segretarju Parlamentari għall-Artijiet u l-Kostruzzjoni l-Onorevoli Chris Agius. Fl-imsemmi protest, ir-rikorrent interpellaw lill-protestati biex jiddeżistu milli jidħlu f'ebda forma ta' ftehim mal-FKNK jew kwalunkwe entità oħra mingħajr il-ħarsien tal-provvedimenti tal-liġi u prinċipji naturali u d-drittijiet ta' terzi. Dan il-protest kien imwieġeb mill-Awtorità intimata permezz ta' kontro-protest fit-22 ta' Ottubru, 2020. (fn. 20 Dokument MD 2 a fol. 272 et seq).*

*Illi huwa ċar u inkontestat illi l-ebda wieħed jew waħda mir-rikorrenti ma kien parti mill-ftehim tad-9 ta' Ottubru, 2020. Madanakollu, id-diversi xhieda li ġew prodotti, fil-kapaċità rispettiva tagħhom, jgħidu li huma għandhom interess li s-siti in kwistjoni ma jkunux ristretti għal attivitajiet ta' grupp żgħir ta' nies a skapitu tal-pubbliku in ġenerali. Mill-istatuti mressqa bħala prova jirriżulta illi r-rikorrenti huma għaqdiet, entitajiet u individwi li għandhom l-għan, fost l-oħrajn, li jissalvagwardjaw l-ambjent u l-wirt naturali u kulturali ta' pajjiżna.*

***Ikkunsidra:***

*Illi meta l-leġislatur ikkrea dan it-Tribunal permezz tal-Att V tal-2007, kien diġà fis-seħħ l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Mid-dibattiti Parlamentari li wasslu għall-promulgazzjoni tal-imsemmi Att jirriżulta illi l-idea oriġinali kienet li tinħoloq Qorti Amministrattiva waħda li tkun kompetenti li tisma' kwalunkwe ilment, inkluż ta' xejra kostituzzjonali, kontra awtorità pubblika. Madanakollu tant kien hemm diżgwid fuq din il-linja ta' ħsieb, li l-istess idea ġiet abbandunata biex b'hekk inħoloq dan it-Tribunal filwaqt li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili baqgħet kompetenti li tisma' kawżi mressqin abbażi tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 (fn. 21 ara b'mod partikolari d-Dibattiti tas-Seduti Parlamentari li nżammu fis-26 ta' Novembru, 2006, fid-29 ta' Novembru, 2006 u fis-17 ta' Jannar, 2007). Illi għalhekk, għalkemm jista' jkun hemm każijiet fejn il-kompetenza tat-Tribunal u tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ikunu paralleli, hemm istanti oħra, imsemmija espressament f'artikolu 469A, fejn il-Prim'Awla biss għandha ġurisdizzjoni dwarhom.*

*Illi l-kompetenza ta' dan it-Tribunal temani minn artikolu 5 tal-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva), liema artikolu jgħid is-segwenti:*

> "5 (1) Qiegħed jiġi stabbilit skont id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att tribunal indipendenti u imparzjali, li jkun magħruf bħala t-Tribunal ta'

Reviżjoni Amministrattiva, bl-iskop li jkun jista' jirrevedi l-atti amministrattivi istitwiti quddiemu skont dan l-Att jew kull liġi oħra, u bl-iskop tal-eżerċizzju ta' kull kompetenza oħra attribwita lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva b'din il-liġi, jew taħt din il-liġi, jew xi liġi oħra, kemm qabel kemm wara li jidħol fis-seħħ dan l-Att.

(2) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ma jkollux kompetenza ġenerali li jirrevedi atti amministrattivi li jistgħu jiġu riveduti skont l-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili iżda jkollu l-kompetenza li **jirrevedi dawk l-atti amministrattivi kif jista' jiġi preskritt f'dan l-Att jew taħtu jew kull liġi oħra li tistabbilixxi l-kompetenza tat-Tribunal ta' Revżjoni Amministrattiva fuq xi klassi ta' atti amministrattivi."** *(fn. 22 Enfasi tat-Tribunal)*

*Illi proprju waħda mil-liġijiet speċjali li tagħti kompetenza lil dan it-Tribunal huwa l-Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar l-Awtorità tal-Artijiet) u li abbażi tagħha r-rikorrenti intavolaw ir-rikors odjern.*

*Illi permezz tal-eċċezzjoni preliminari tagħha, l-Awtorità intimata tisħaq, però, illi l-ebda wieħed jew waħda mir-rikorrenti ma seta' jippromwovi l-azzjoni odjerna quddiem dan it-Tribunal, u dana għaliex l-istess rikorrenti ma jistgħux jitqiesu la bħala 'persuni aggravati' u lanqas li għandhom interess ġuridiku neċessarju għal tali azzjoni. Fl-istess eċċezzjoni jiġi rilevat illi a differenza ta' kwistjonijiet ta' Ippjanar, l-Att dwar l-Awtorità tal-Artijiet jagħti* ***locus standi*** *biss lil* ***partijiet aggravati b'xi deċiżjoni tal-Awtorità*** *u kwindi l-persuna aggravata trid tkun is-suġġett li lilha hija diretta d-deċiżjoni tal-Awtorità.*

*Illi dan it-Tribunal iqis illi f'din l-eċċezzjoni hemm proprjament żewġ eċċezzjonijiet li għalkemm jistgħu jkunu relatati ma' xulxin, u ċioe, jekk ir-rikorrenti* għandhomx locus standi *quddiem dan it-Tribunal skont artikolu 57 tal-Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta, u jekk it-tweġiba tkun fl-affermattiv, jekk ir-rikorrenti għandhomx dak l-interess ġuridiku neċessarju biex jeżerċitaw l-azzjoni odjerna. Fil-fehma ta' dan it-Tribunal ikun għaqli li dawn iż-żewġ kwistjonijiet jiżammu separati u distinti minn xulxin.*

*Illi l-ewwel kwistjoni li se tiġi eżaminata minn dan it-Tribunal hija jekk ir-rikorrenti għandhomx* locus standi *quddiemu.*

*Illi l-Awtorità intimata tisħaq li m'għandhomx. Fil-fehma ta' dan it-Tribunal, din is-sottomissjoni ssib konfort fil-proviso ta' artikolu 57(1) tal-Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid is-segwenti:*

"(1) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva għandu jkun kompetenti biex jisma' u jiddetermina:

(a) L-oġġezzjonijiet magħmula minn kull persuna aggravata b'xi deċiżjoni tal-Awtorità; u
(b) L-oġġezzjonijiet magħmula minn kull persuna aggravata minn xi att amministrattiv jew xi pieni oħra imposti fuq dik il-persuna mill-Awtorità:

**Iżda wkoll, sakemm ma jkunx preskritt mil-liġi, oġġezzjoni magħmula skont dan is-subartikolu lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandha tiġi ppreżentata fi żmien għoxrin ġurnata <u>minn meta dik il-persuna tirċievi d-deċiżjoni tal-Awtorità</u>**."(*fn. 23 enfasi tat-Tribunal)*

*Illi minn dan il-proviso joħroġ ċar illi l-intenzjoni tal-Leġislatur kienet illi dawk il-persuni li **<u>jiġu notifikati b'deċiżjoni tal-Awtorità</u>** fil-konfront tagħhom li għandhom dritt jirrikorru għal rimedju quddiem dan it-Tribunal. Tant hu hekk li t-terminu tal-appell jibda għaddej minn **<u>meta l-persuna tirċievi d-deċiżjoni aggravanti</u>**. Li kieku kienet l-intenzjoni tal-Leġislatur illi jagħti dritt ta' appell iktar wiesgħa u kif qegħdin jipprospettawh ir-rikorrenti, allura t-termini entro liema jista' jsir appell kienu jkunu definiti mod ieħor. F'dan il-każ, ir-rikorrenti saru jafu bid-deċiżjoni mhux għax irċevewha wara li ttieħdet, imma għaliex semgħu mill-mezzi tax-xandir. Huwa veru li mal-kontro-protest jingħad li ġie anness il-ftehim tad-9 ta' Ottubru, 2020, però bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jista' jingħad li jekwivali għal dak li jrid l-artikolu su ċitat. Tali notifika ma saritx għaliex l-Awtorità intimata riedet tinnotifika d-deċiżjoni tagħha lill-parti li kienet għamlitilha xi talba. Il-ftehim ġie anness mal-kontro-protest sabiex dak relatat fl-istess kontro-protest jitpoġġa f'kuntest. Iktar minn hekk, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu li d-deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tiġi annullata. It-Tribunal josserva illi din id-deċiżjoni ma tirriżultalu minn imkien, wisq inqas meta l-istess deċiżjoni setgħet ittieħdet. Li hu żgur hu li ma nġabet l-ebda prova illi tali deċiżjoni ġiet notifikata b'xi mod lir-rikorrenti.*

*Illi l-fehma ta' dan it-Tribunal hija wkoll imsaħħa min-nota mniżżla fil-marġini tal-artikolu 57 tal-Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta li taqra "Dritt ta' Appell". Illi dak li essenzjalment huwa kompetenti li jisma' dan it-Tribunal huma 'appelli' minn xi att amministrattiv u mhux li jagħmel reviżjoni tal-att skont l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu baqa'* in vigore *nonostante l-promulgazzjoni tal-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta. Dana għaliex il-leġislatur ħass li t-Tribunal m'għandux ikollu l-kompetenza wiesgħa ta' reviżjoni ta' atti amministrattivi li għandhom il-Qarti ordinarji u għalhekk, taħt kull liġi speċjali li tagħti kompetenza lil*

*dan it-Tribunal, wieħed isib elenkati l-istanzi u l-metodu kif wieħed jista' jappella quddiem dan it-Tribunal. Li hu żgur huwa li mhux ammissibbli appell quddiem dan it-Tribunal minn terzi li ma jkunx il-persuna suġġett tad-deċiżjoni appellata.*

*Illi dan it-Tribunal jirrileva illi abbażi ta' dan ir-raġunament, fil-passat riċenti kellu okkażjonijiet fejn ċaħad rikorsi minn terzi sabiex jintervjenu f'appelli intavolati quddiemu minn persuni aggravati b'deċiżjonijiet ta' awtoritajiet pubbliċi (fn. 24 Ara digriet mogħti minn dan it-Tribunal datat 29 ta' Ottubru, 2018 fir-Rikors numru 71/18 fl-ismijiet* ***S. Camilleri Caterers Limited vs l-Awtorità tal-Artijiet****). Terzi li jkunu tal-fehma li deċiżjoni meħuda fil-konfront ta' xi persuna oħra tkun ippreġudikatilhom id-drittijiet tagħhom, għandhom rimedji oħra quddiem il-Qrati ordinarji iżda mhux quddiem dan it-Tribunal.*

*Illi għalhekk, ir-rimedju mogħti permezz tal-artikolu 57 tal-Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta ma huwiex disponibbli għal kwalunkwe persuna li tħossha 'aggravata' b'xi att tal-Awtorità intimata. Persuna li ma tkunx direttament is-suġġett tad-deċiżjoni jew ta' att amministrattiv jista' jkollu rimedju ieħor, però mhux quddiem dan it-Tribunal li l-kompetenza tiegħu hija waħda ferm limitata u ċirkoskritta bit-termini tal-artikolu 5 tal-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-artikolu 57(1) tal-Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi di più, fil-premessa numru ħdax (11) ir-rikorrenti jisħqu illi l-ftehim sar bi* ***ksur tal-artikolu 31 tal-Kapitolu 573*** *għaliex ma sarx wara sejħa għall-offerti ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern u fil-gazzetti lokali, jew wara avviż ta' trasferiment b'irkant, jew skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati jew skont waħda mill-forom kif stipulati fl-istess artikolu. Ir-rikorrenti jgħidu wkoll illi t-trasferiment ma kienx suġġett għad-dritt tal-ewwel rifjut kif trid il-liġi.*

*Illi permezz tal-eċċezzjoni preliminari, l-Awtorità intimata tisħaq illi la darba r-rikorrenti qegħdin jallegaw* [recte] *li tali ftehim imur kontra l-artikolu 31 tal-kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta, allura ċertament, għal darba oħra, dan it-Tribunal mhux il-forum kompetenti.*

*Illi artikolu 31 tal-Kapitolu 573 jelenka d-diversi metodi ta' trasferiment ta' art pubblika. Illi mbagħad artikolu 33 jelenka kif tali trasferiment jistgħu jiġu attakkati jekk ma jsirux skont l-artikolu 31, u ċioe:*

**"(1) Kull trasferiment ta' art li għaliha japplika l-artikolu 31 li jsir xort'oħra milli skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jkun null u bla effett.**

**(2) In-nullità ta' trasferiment magħmul bi ksur tal-imsemmi artikolu tista' tintalab mill-partijiet li jkunu involuti fit-trasferiment, mill-Avukat Ġenerali**

**jew minn xi persuna li tkun membru tal-Kamra tad-Deputati fiż-żmien tat-talba quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili."**

*Illi għalhekk joħroġ ċar illi huma biss il-qrati ordinarji li huma kompetenti jippronunzjaw irwieħhom dwar il-kwistjoni ta' nullità ta' trasferiment, u dan meta l-azzjoni tkun promossa mill-persuni elenkati fl-istess artikolu, u ċioe,* ***il-partijiet involuti fit-trasferiment, l-Avukat Ġenerali jew xi membru tal-Kamra tad-Deputati****. Illi l-ebda wieħed jew waħda mir-rikorrenti ma jirriżulta li huma xi wieħed jew waħda minn dawn il-persuni.*

*Illi sorvolata l-kwistjoni tal-*locus standi *tar-rikorrenti, it-Tribunal se jgħaddi biex jeżamina jekk ir-rikorrenti għandhomx dak l-'interess ġuridiku' neċessarju biex jippromwovu l-azzjoni odjerna. Illi dwar dan il-punt id-difensuri tal-partijiet għamlu diversi sottomissjonijiet u ċċitaw ġurisprudenza kemm lokali u kemm barranija. Filwaqt li l-Awtorità intimata qiegħda tankra l-interpretazzjoni tagħha mad-definizzjoni tradizzjonali ta' x'jikkostitwixxi 'interess ġuridiku', ir-rikorrenti jisħqu illi l-istess kunċett irid jiġi interpretat b'mod iktar wiesgħa u liberali, u dan anke in vista tal-artikolu 10(1) tad-Direttiva 2003/35 tal-Unjoni Ewropea li tgħid is-segwenti:*

"Member States shall ensure that, in accordance with the relevant national legal system, members of the public concerned:

(a) Having a sufficient interest, or alternatively,
(b) Maintaining the impairment of a right, where administrative procedural law of a Member State requires this as a precondition, have access to a review procedure before a court of law or another independent and impartial body established by law to challenge the substantive or procedural legality of decisions, acts or omissions subject to the public participation provisions of this Directive.
Member States shall determine at what stage the decisions, acts or omissions may be challenged.
What constitutes a sufficient interest and impairment of a right shall be determined by the Member States, consistently with the objective of giving the public concerned wide access to justice. To this end, the interest of any non-governmental organisation meeting the requirements referred to in Article 1(2), shall be deemed sufficient for the purpose of subparagraph (a) of this Article. Such organisations shall also be deemed to have rights capable of being impaired for the purpose of subparagraph (b) of this Article.

The provisions of this Article shall not exclude the possibility of a preliminary review procedure before an administrative authority and shall not affect the

requirement of exhaustion of administrative review procedures prior to recourse to judicial review procedures, where such a requirement exists under national law.

Any such procedure shall not exclude the possibility of a preliminary review procedure before an administrative authority and shall not affect the requirement of exhaustion of administrative review procedures prior to recourse to judicial review procedures, where such a requirements exists under national law.

Any such procedure shall be fair, equitable, timely and not prohibitively expensive.

In order to further the effectiveness of the provisions of this article, Member States shall ensure that practical information is made available to the public on access to administrative and judicial review procedures." *(fn. 25 it-Tribunal qiegħed jiċċita l-verżjoni Ingliża għaliex fil-verżjoni Maltija hemm kliem li fil-fehma umli tat-Tribunal ma tantx jagħmlu sens meta dawn ġew tradotti mill-Ingliż)*

*Jirriżulta illi l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva ġew studjati fil-fond tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet* ***Is-Soċjetà The Ramblers' Association of Malta vs l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et.*** *(fn. 26 27 ta' Mejju, 2016). F'din is-sentenza l-Qorti rrevokat is-sentenza tal-Prim'Awla li kienet laqgħet l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' interess ġuridiku tal-Assoċjazzjoni attriċi. Fil-fatt il-Qorti tal-Appell, wara li tat effett dirett lill-istess Direttiva (fn. 27 Dana peress li l-artikolu 10(a) tad-Direttiva 2003/35 ma kienx għadu ġie implimentat fil-liġi Maltija), qieset ukoll is-segwenti:*

*"*32. Fil-fehma tal-qorti d-dritt mogħti taħt id-Direttiva huwa biżżejjed preċiż: dak li jagħti lil persuni interessati aċċess għal rimedju ġudizzjarju 'għalbiex jisfida l-legalità sostanzjali jew proċedurali tad-deċiżjonijiet, l-atti jew l-omissjonijiet' tal-awtoritajiet li jkollhom impatt ambjentali, fosthom għalhekk omissjoni bħal dik li l-atturi jgħidu li hija responsabbli għaliha l-Awtorità konvenuta meta ma ratx li ma jsirx żvilupp mingħajr permess li jiswa.

33. Għalkemm jista' jingħad illi l-ħtieġa illi 'dak li jikkostitwixxi interess suffiċjenti u l-indebboliment ta' dritt għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri' tista' titqies bħala kundizzjoni li, fiż-żmien rilevanti kienet għadha ma tħarsitx, madankollu, persuni bħal ma hija s-soċjetà attriċi ma jintlaqatx b'dik il-kondizzjoni għax id-Direttiva stess tgħid illi: 'l-interess ta' kull organizzazzjoni mhux governattiva li tissodisfa l-ħtiġijiet riferiti fl-artikolu 1(2) għandu jitqies biżżejjed għall-għan tas-subparagrafu (a) ta' dan l-Artikolu. Dawn l-organizzazzjonijiet għandhom jitqiesu wkoll li għandhom drittijiet kapaċi li jiġu indebboliti għall-għan tas-subparagrafu (b) ta' dan l-Artikolu."

34. Dan juri ċar illi l-attriċi għandha ‘drittijiet kapaċi li jiġu indebboliti’ – jew, bil-Malti tajjeb, drittijiet li jistgħu jintlaqtu ħażin – f’materja ambjentali u għandha wkoll l-interess meħtieġ biex ikollha aċċess għal stħarriġ ġudizzjarju tal-għemil jew l-omissjoni tal-Awtorità konvenuta.

35. Il-konklużjoni mela għandha tkun i. Illi t-tifsira tad-Direttiva hija ċara biżżejjed li ma teħtieġx interpretazzjoni, u għaldaqstant ma hija meħtieġa ebda deċiżjoni preliminari mill-Qorti tal-Ġustizzja, u ii. Illi l-attriċi għandha interess ġuridiku illi jagħtiha leġittimazzjoni attiva biex tmexxi b’din l-azzjoni tallum. L-ewwel aggravju għandu għalhekk jintlaqa’, u t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti Said u Scerri tiġi miċħuda.”

*Illi għalhekk jirriżulta li l-Qorti tal-Appell qieset illi abbażi tad-Direttiva 2003/35, illum implimentata permezz ta’ artikolu 41A tal-Kapitolu 504 tal-Liġijiet ta’ Malta (Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp), l-Assoċjazzjoni attriċi kellha dak l-interess ġuridiku li jippermettilha tintavola din l-azzjoni, liema azzjoni kienet essenzjalment dwar kwistjoni ta’ interpretazzjoni ta’ permess tal-Ippjanar.*

*Illi però jiġi rilevat illi l-implimentazzjoni tad-Direttiva msemmija permezz ta’ artikolu 41A tal-Kapitolu 504 tgħid is-segwenti:-*

*“*(1) Membri tal-pubbliku kkonċernat li għandhom interess suffiċjenti jkollhom aċċess għal proċedura ta’ reviżjoni quddiem it-Tribunal (fn. 28 B’referenza għat-Tribunal ta’ Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar) biex jopponu l-legalità sostantiva jew proċedurali ta’ kull deċiżjoni, att jew omissjoni li għandhom x’jaqsmu ma’ żvilupp jew stallazzjoni li hi soġġetta għal studju dwar l-impatt ambjentali (‘EIA’) jew permess dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis (‘IPPC’).

(2) Appell bħal dan jista’ jiġi ppreżentat fi żmien tletin jum mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni finali tal-Awtorità:

Iżda appell bħal dan jista’ jkollu x’jaqsam ma’ jew ikun fih oġġezzjoni għal xi att jew omissjoni li jkunu twettqu f’xi żmien waqt il-proċess tal-EIA jew tal-IPPC li wassal għad-deċiżjoni in kwistjoni.

(3) Għall-finijiet tas-subartikolu (1), l-interess ta’ xi organizzazzjoni mhux governattiva li tippromwovi l-protezzjoni tal-ambjent u li tkun reġistrata taħt l-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji għandu jitqies bħala suffiċjenti.

(4) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 41 għandhom, *mutatis mutandis*, jgħoddu għall-proċeduri ta’ reviżjoni skont dan l-artikolu.”

*Illi f’dan l-istadju, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi m’għandux jesprimi ruħhu dwar jekk ir-rikorrenti għandhomx jew le l-interess ġuridiku neċessarju sabiex jattakkaw il-ftehim tad-9 ta’ Ottubru, 2020 u d-deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi, ladarba se*

*jiddeċiedi li huma ma għandhomx* locus standi *quddiemu. It-Tribunal huwa tal-fehma li jkun għaqli li jħalli impreġudikata din il-kwistjoni, sabiex jekk ikun il-każ, l-istess tiġi dibattuta quddiem il-forum appożitu.*

***Decide***

*Għaldaqstant, it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq esposti u in kwantu konsistenti ma' dak li ntqal hawn, qiegħed jilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-Awtorita intimata fis-sens illi jiddikjara illi r-rikorrenti ma jikkwalifikawx bħala 'persuna aggravata' ai termini tal-artikolu 57(1) tal-Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant ma jistgħux jintavolaw l-azzjoni odjerna quddiemu.*

*It-Tribunal qiegħed jastjeni milli jippronunzja ruħhu dwar l-eċċezzjoni dwar l-interess ġuridiku tar-rikorrenti u dana sabiex ma jippreġudikax il-pożizzjoni tal-partijiet quddiem fora oħra.*

*Għaldaqstant it-Tribunal jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti."*

## L-Appell

14. Ir-rikorrenti ressqu l-appell tagħhom mid-deċiżjoni tat-Tribunal fil-11 ta' Frar, 2021, fejn talbu lil din il-Qorti sabiex,

*"... jogħġobha tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva hawn fuq riferita, tordna li l-appell intavolat quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva jiġi mismugħ u deċiż minnu u tagħti dawk il-provvedimenti kollha li jidhrilha xierqa u ġusti."*

15. L-appellanti qalu li huma ħassewhom aggravati bid-deċiżjoni tat-Tribunal għaliex fil-fehma tagħhom din id-deċiżjoni tammonta għal applikazzjoni ħażina tal-liġi u tal-prinċipji legali rigward il-kunċett ta' *locus standi* u ta' interess ġuridiku. L-appellanti spjegaw li l-azzjoni intavolata minnhom quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva hija bbażata fuq l-artikolu 57 tal-Kap. 563 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid li t-Tribunal huwa kompetenti biex jisma' u

jiddetermina l-oġġezzjonijiet magħmula minn **kull persuna** aggravata b'xi deċiżjoni tal-Awtorità, u l-oġġezzjonijiet kollha magħmula minn **kull persuna** aggravata minn xi att amministrattiv jew xi pieni oħra imposti fuq dik il-persuna mill-Awtorità. L-appellati qalu li t-Tribunal laqa' l-eċċezzjoni tal-Awtorità appellata, li huma ma jikkwalifikawx bħala 'persuna aggravata' *ai termini* tal-artikolu 57(1) tal-Kap. 563, għaliex skont it-Tribunal il-Kap. 563 jagħti *locus standi* biss lill-partijiet aggravati b'xi deċiżjoni tal-Awtorità, u għalhekk il-persuna aggravata trid tkun is-suġġett affettwat mid-deċiżjoni tal-Awtorità. L-appellanti qalu li dan mhux dak li jirriżulta mid-diċitura użata mil-leġiżlatur fl-artikolu 57 tal-Kap. 563 li jsemmi 'kull persuna aggravata' u mhux 'xi parti aggravata', u qalu li fil-fehma tagħhom dan ifisser li l-leġiżlatur ried jipprovdi dan ir-rimedju lil firxa ta' nies u mhux biss lill-partijiet involuti f'xi kwistjoni quddiem l-Awtorità. L-appellanti għamlu riferiment għall-fatt li t-Tribunal qal li huma biss persuni 'notifikati' b'deċiżjoni tal-Awtorità li għandhom dritt imorru għal rimedju quddiem it-Tribunal, u qalu li t-Tribunal qiegħed jinjora l-fatt li l-liġi tesiġi biss li persuna tista' toġġezzjona fi żmien għoxrin ġurnata minn meta dik il-persuna 'tirċievi' d-deċiżjoni tal-Awtorità appellata, iżda l-leġiżlatur ma impona l-ebda kriterju dwar il-mod kif terzi għandhom jirċievu tali deċiżjonijiet biex imbagħad ikunu jistgħu jirrikorru quddiem it-Tribunal. Qalu li f'dan il-każ ir-rappreżentanti tal-għaqdiet appellanti u Dr Edward Mallia, xehdu li huma rċevew il-ftehim konkluż mill-Awtorità appellata permezz ta' kontroprotest notifikat lilhom, u għalhekk huma jikkwalifikaw bħala persuni li rċevew id-deċiżjoni skont il-proviso tal-artikolu 57 tal-Kap. 563. L-appellanti spjegaw li huma ġew notifikati bid-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Artijiet li rrifjutat it-talba tagħhom sabiex hija ma tidħol f'ebda forma ta' qbil, arranġament, għotja jew

ftehim mal-FKNK jew kwalunkwe entità oħra mingħajr ħarsien tal-provvedimenti tal-liġi u l-prinċipji ta' ġustizzja naturali u d-drittijiet ta' terzi. Qalu li għalhekk huma jikkwalifikaw bħala persuni li rċevew id-deċiżjoni u qed joġġezzjonaw minnha skont l-artikolu 57(1) tal-Kap. 563.

16. L-appellanti qalu wkoll li l-artikolu 57(2) tal-Kap. 563 jipprovdi għal 'oġġezzjonijiet magħmula minn kull persuna aggravata minn **xi att amministrattiv** jew xi pieni oħra imposti fuq dik il-persuna mill-Awtorità', u li l-Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta jiddefinixxi 'att amministrattiv' bħala att li jinkludi deċiżjonijiet jew iċ-ċaħda ta' xi talba magħmula minn membri tal-pubbliku. Qalu li f'dan il-każ huma jikkwalifikaw bħala 'membri tal-pubbliku' li kienu ressqu t-talba tagħhom quddiem l-Awtorità appellata sabiex il-ftehim mal-FKNK jew ma' xi entità oħra ma jsirx jekk mhux skont il-proċedura mandatorja. L-appellanti qalu li din it-talba saret permezz ta' protest ġudizzjarju bin-numru 392/20 tad-9 ta' Ottubru, 2020, u l-Awtorità tal-Artijiet kienet ċaħdet din it-talba u nnotifikat iċ-ċaħda tagħha permezz ta' kontroprotest li ġie notifikat lill-appellanti kollha. L-appellanti qalu li ladarba l-Awtorità appellata ħarġet ċaħda ta' talba li saret minnhom, u ladarba l-membri kollha tal-pubbliku jistgħu jagħmlu talba, tali ċaħda fil-konfront tagħhom tikkwalifika bħala att amministrattiv li jistgħu jappellaw minnu.

17. L-appellanti qalu li t-Tribunal astjena milli jippronunzja ruħu dwar jekk huma għandhomx l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex iressqu l-azzjoni tagħhom. Qalu li peress li huma jikkwalifikaw bħala persuni li kellhom dritt iressqu l-oġġezzjonijiet tagħhom mid-deċiżjoni li rċevew u mill-att amministrattiv tal-Awtorità appellata quddiem it-Tribunal, it-Tribunal kellu jikkonsidra t-talbiet

tagħhom bħala persuni aggravati. Qalu li huma ma kellhomx għalfejn jippruvaw l-interess ġuridiku tagħhom kif mifhum tradizzjonalment fil-kamp ċivili, għaliex l-azzjoni mressqa quddiem it-Tribunal taqa' taħt il-kamp amministrattiv. Qalu li minkejja li l-kunċett tal-interess ġuridiku ma jinsab fl-ebda provvediment tal-liġi amministrattiva, il-ħtieġa tal-interess ġuridiku tista' tiġi deżunta mill-artikoli 236 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li jitkellem fuq id-dritt ta' appell 'minn kull min ikollu interess' u mill-artikolu 960 li jitkellem dwar l-intervenuti fil-kawża. L-appellanti qalu li f'dan il-każ, filwaqt li l-leġiżlatur għażel li jagħmel applikabbli xi provvedimenti tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għall-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva (Kap. 490), l-artikolu 236 u 960 huma esklużi minn tali applikabbilità. Qalu li għalhekk wieħed bilfors ikollu jikkonkludi li l-leġiżlatur ma kienx qiegħed jestendi l-ħtieġa tal-interess ġuridiku tradizzjonali tal-kamp ċivili għall-kamp amministrattiv, u li kieku l-leġiżlatur ried jagħmel hekk, kellu l-fakoltà jew l-obbligu li jinkludi din il-ħtieġa b'mod speċifiku fil-liġi. Qalu li għalhekk f'dawn il-proċeduri m'hemmx il-ħtieġa li jiġi ppruvat l-istess interess ġuridiku li huwa rikjest fil-kamp ċivili, u f'każijiet bħal dawn, il-grad ta' interess li għandhom jippruvaw juru l-appellanti huwa dak ta' '*sufficient interest'* jew 'interess biżżejjed'. L-appellanti spjegaw li wħud mis-siti konċessi bis-saħħa tal-ftehim tad-9 ta' Ottubru, 2020 huma siti Natura 2000, u għalhekk huma siti protetti li jattiraw livell għoli ta' konservazzjoni skont il-Habitats Directive (92/43/EEC) u l-Birds' Directive (2009/147/EC). Komplew jgħidu li ż-żoni ta' konservazzjoni huma Wied il-Miżieb, l-Irdumijiet taċ-Ċirkewwa sal-Mixquqa u l-inħawi tar-Ramla tat-Torri u l-Irdum tal-Madonna. Qalu li għal dawn l-*ispecial areas of conservation* jeħtieġ li jsir pjan ta' azzjoni wara parteċipazzjoni mill-pubbliku u l-i*stakeholders* kollha u li dan għandu jiġi segwit. Qalu li jekk dan

il-pjan ta' ġestjoni jinbidel, id-Direttiva 2003/35 tipprovdi li għandu jkun hemm il-parteċipazzjoni pubblika rigward it-tfassil u t-tibdil ta' dawn il-pjanijiet u programmi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent. Qalu wkoll li d-Direttiva tipprovdi għall-parteċipazzjoni pubblika f'deċiżjonijiet li jista' jkollhom effett sinifikanti fuq l-ambjent, li fil-każ odjern jista' jkun affettwat minn kaċċa illegali, ċomb u skrataċ, imma l-pubbliku f'dan il-każ ma ġiex ikkonsultat. Qalu wkoll li l-artikolu 13 tad-Direttiva jgħid li kull min għandu interess biżżejjed jew qed jidgħajjiflu xi dritt, għandu jkollu aċċess għal proċedura ta' reviżjoni quddiem qorti tal-ġustizzja jew korp ieħor indipendenti u imparzjali stabbilit bil-liġi biex jisfida l-legalità sostanzjali jew proċedurali tad-deċiżjonijiet, l-atti jew omissjonijiet. L-appellanti qalu li d-Direttiva tqis ukoll li għaqdiet bħal tagħhom, li jippromwovu l-ħarsien tal-ambjent, għandhom interess suffiċjenti. L-appellanti żiedu jgħidu li bħala għaqdiet li jippromwovu l-ħarsien tal-ambjent, huma għandhom ukoll interess biżżejjed kif meħtieġ taħt id-Direttiva 2003/35 kif implimentata fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.91, biex iressqu l-azzjoni odjerna.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

18. Fir-risposta tagħha l-Awtorità appellata għamlet riferiment għar-rikors tal-appell tal-appellanti u qalet li d-deċiżjoni appellata hija ġusta u timmerita konferma. Qalet li l-artikolu 57(1) tal-Kap. 563 għandu jinqara fl-intier tiegħu, partikolarment l-proviso ta' dan l-artikolu, minn fejn l-appellata qalet li toħroġ ċara l-intenzjoni tal-leġiżlatur li d-dritt ta' appell ikun riservat għal dawk il-persuni li jiġu notifikati bid-deċiżjoni tal-Awtorità wara li ssir talba minnhom quddiem l-Awtorità għall-ħruġ ta' xi permess. Qalet ukoll li fil-fatt it-terminu tal-

appell jibda għaddej minn meta l-persuna tirċievi d-deċiżjoni aggravanti. Qalet li kieku l-ħsieb tal-leġiżlatur kien li d-dritt tal-appell ikun aktar wiesgħa minn hekk, it-termini '*entro* liema jista' jsir appell' kienu jkunu definiti mod ieħor. Qalet li minkejja li huwa minnu li l-appellanti rċevew kopja tad-deċiżjoni tal-Awtorità, dan seħħ fil-kuntest ta' kontroprotest li avvanzaw huma stess u mhux b'konsegwenza għal talba magħmula mill-appellanti.

19. B'riferiment għat-tieni aggravju, l-Awtorità appellata qalet li l-appellanti qegħdin jirradikaw l-argumenti tagħhom ma' dak li tgħid id-Direttiva 2003/35. Qalu li skont din id-Direttiva, għaqdiet ambjentali għandhom dritt jopponu quddiem il-Qrati Maltin il-legalità sostantiva jew proċedurali ta' kull deċiżjoni, att jew omissjoni li għandhom x'jaqsmu ma' żvilupp jew stallazzjoni li hija soġġetta għal studju dwar l-impatt ambjentali jew permess dwar il-prevenzjoni u kontroll integrati tat-tniġġis (EIA jew IPPC). Qalu li deċiżjoni dwar allokazzjoni ta' art mhix att jew omissjoni li għandhom x'jaqsmu ma' żvilupp jew stallazzjoni li hija suġġetta għal studju dwar l-impatt ambjentali jew permess dwar il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis, u jekk xejn permezz tal-klawsola 15 tal-*Memorandum of Understanding* li ġie ffirmat mal-FKNK, l-Awtorità esiġiet li kwalunkwe attività jew operat li għandu x'jaqsam mal-ambjent jew li jolqot l-ambjent jeħtieġ dejjem l-awtorizzazzjoni mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, indipendentement mit-trasferiment.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

20. Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji tal-appellanti, wara li tkun qieset il-fatti li wasslu għall-proċeduri odjerni, id-deċiżjoni tat-Tribunal u l-

pożizzjoni li ħadu l-partijiet rispettivi f'dawn il-proċeduri. L-appellanti ħassew ruħhom aggravati wara li bid-deċiżjoni tiegħu t-Tribunal ikkonkluda li huma m'għandhomx il-*locus standi* jipproponu appell quddiemu mid-deċiżjoni li ħadet l-Awtorità tal-Artijiet li tikkonċedi meded art fil-Miżieb u fl-Aħrax tal-Mellieħa, lill-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti, sabiex dawn ikunu jistgħu jintużaw mill-membri tagħha, għaliex skont it-Tribunal, l-appellanti ma jikkwalifikawx bħala 'persuni aggravati' *ai termini* tal-artikolu 57(1) tal-Kap .563 tal-Liġijiet ta' Malta. It-Tribunal ikkonkluda wkoll li ladarba huwa stabbilixxa li l-appellanti m'għandhomx *locus standi* jipproponu appell quddiemu, huwa kien sejjer jastjeni milli jieħu konjizzjoni dwar jekk huma għandhomx l-interess ġuridiku rikjest sabiex jipproponu l-proċedura ta' reviżjoni amministrattiva jew appell quddiem it-Tribunal.

21. Il-Qorti kkonsidrat li l-lanjanza prinċipali tal-appellanti, li huma lkoll għaqdiet u individwi involuti fil-qasam tal-ħarsien ambjentali u tal-wirt naturali u kulturali ta' pajjiżna, hija li l-Awtorità tal-Artijiet ikkonċediet lill-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti meded ta' art f'żoni meqjusa bħala siti ta' importanza ekoloġika, sabiex jintużaw mill-membri tal-istess Federazzjoni a skapitu tal-kumplament tal-pubbliku in ġenerali, li għal perijodu ta' madwar disa' xhur fis-sena ser ikun imċaħħad mit-tgawdija u mill-użu ta' din l-art. L-appellanti, li saru jafu bil-pjanijiet tal-Awtorità appellata mill-media, kienu għamlu protest ġudizzjarju kontra l-Awtorità tal-Artijiet fejn talbu lill-Awtorità ma tidħol fl-ebda ftehim bħal dan mingħajr ma tħares il-provvedimenti legali kollha li jirregolaw konċessjonijiet bħal dawn. L-appellanti argumentaw li l-konċessjoni ta' dawn il-meded ta' art mill-Awtorità appellata lill-FKNK huma

forma ta' trasferiment *ai termini* tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta, liema trasferiment allegatament ma sarx skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi u l-proċedura stabbilita, għaliex ma nħarġet l-ebda sejħa għall-offerti, ma sar l-ebda forma ta' avviż għat-trasferiment b'irkant u lanqas ma saret xi riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati qabel it-trasferiment. L-appellanti argumentaw l-Awtorità tal-Artijiet naqset milli tosserva l-prinċipji ta' ġustizzja naturali u l-ħtiġijiet proċedurali mandatorji kemm fil-ftehim attwali li ffirmat mal-FKNK kif ukoll fid-deliberazzjonijiet ta' qabel, u għalhekk dan it-trasferiment sar mingħajr l-ebda skrutinju u konsiderazzjonijiet li kellhom jittieħdu mill-Awtorità appellata qabel jingħataw meded estensivi ta' art pubblika lill-privat. Permezz tat-talbiet tagħhom lit-Tribunal, l-appellanti talbu lit-Tribunal iħassar u jirrevoka d-deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet fejn ġie approvat il-ftehim *de quo,* u talbu wkoll li jitħassar il-ftehim tad-9 ta' Ottubru, 2020.

22. It-Tribunal, fil-konsiderazzjonijiet tiegħu spjega li l-Kap. 563 tal-Liġijiet ta' Malta huwa waħda mil-liġijiet speċjali li jagħtuh il-kompetenza li jisma' oġġezzjonijiet magħmula minn kull persuna aggravata minn xi att amministrattiv jew minn xi pieni imposti mill-Awtorità appellata. It-Tribunal għamel riferiment għall-*proviso* tal-artikolu 57(1)(b) tal-istess Kap., li jgħid li oġġezzjonijiet magħmula skont dan is-subartikolu tal-liġi għandhom jiġu pprezentati fi żmien għoxrin ġurnata minn meta dik il-persuna tirċievi d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Artijiet. It-Tribunal qal li l-mod kif inhi miktuba l-liġi jfisser li huma biss il-persuni li jiġu notifikati bid-deċiżjonijiet tal-Awtorità tal-Artijiet mogħtija fil-konfront tagħhom li għandhom dritt jirrikorru għal rimedju quddiem it-Tribunal, u t-terminu għall-preżentata ta' oġġezzjonijiet bħal dawn

jibda jiddekorri minn dakinhar li l-persuna tirċievi d-deċiżjoni aggravanti. It-Tribunal ikkonkluda li appell bħal dak propost mill-appellanti fl-istanti mhux ammissibbli minħabba li dan l-appell qiegħed isir minn terzi li mhumiex is-suġġetti tad-deċiżjoni appellata, u li qatt ma ġew notifikati mill-Awtorità tal-Artijiet bid-deċiżjoni tagħha.

*L-ewwel aggravju:* *[applikazzjoni ħażina tal-liġi u tal-prinċipji legali dwar il-kunċett ta'* 'locus standi'*]*

23. L-appellanti spjegaw li huma ħassew ruħhom aggravati bid-deċiżjoni tat-Tribunal u qalu li dan għamel applikazzjoni ħażina tal-liġi u tal-prinċipji legali dwar il-kunċett ta' *locus standi.* Qalu li l-azzjoni tagħhom hija bbażata fuq l-artikolu 57 tal-Kap. 563, li jaqra hekk:

> "(1) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva għandu jkun kompetenti biex jisma' u jiddetermina:
>
> (a) L-oġġezzjonijiet magħmula minn kull persuna aggravata b'xi deċiżjoni tal-Awtorità; u
>
> (b) L-oġġezzjonijiet magħmula minn kull persuna aggravata minn xi att amministrattiv jew xi pieni oħra imposti fuq dik il-persuna mill-Awtorità:
> ...
>
> Iżda wkoll, sakemm ma jkunx preskritt mil-liġi, oġġezzjoni magħmula skont dan is-subartikolu lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandha tiġi ppreżentata fi żmien għoxrin ġurnata minn meta dik il-persuna tirċievi d-deċiżjoni tal-Awtorità."

24. L-appellanti jgħidu li huma ressqu l-appell tagħhom quddiem it-Tribunal abbażi tas-subinċiż (1)(a) tal-artikolu 57 tal-Kap. 563, bħala persuni jew entitajiet b'personalità ġuridika distinta u separata, li ħassewhom aggravati bid-deċiżjoni tal-Awtorità appellata li kkonċediet il-meded ta' art inkwistjoni lill-

FKNK. Il-Qorti tgħid mill-ewwel li ma taqbilx mal-interpretazzjoni li ta t-Tribunal dwar l-applikabilità tal-*proviso* għas-subinċiż (1)(b) għaċ-ċirkostanzi odjerni. Huwa ċar anki mill-punteġġatura użata mil-leġiżlatur, li s-subinċiż (1)(a) għandu jinqara b'mod separat u distint mis-subinċiż (1)(b), u l-*proviso* dwar it-terminu li fih għandha tiġi ppreżentata oġġezzjoni minn min għandu interess joġġezzjona għal xi deċiżjoni tal-Awtorità tal-Artijiet, japplika biss għal min iressaq l-oġġezzjoni tiegħu taħt is-subinċiż (1)(b), li huwa maħsub biex jirregola lil dawk il-persuni milquta minn xi att amministrattiv jew minn xi piena imposta fuqhom mill-Awtorità. Dan ifisser li filwaqt li l-*proviso* japplika għal min ikun huwa stess is-suġġett ta' xi deċiżjoni tal-Awtorità, is-subinċiż (1)(a) jibqa' l-għodda disponibbli għal kull min iħossu aggravat bi kwalunkwe deċiżjoni li tista' tieħu l-Awtorità tal-Artijiet, anki jekk ma jkunx ġie notifikat bid-deċiżjoni. Huwa fatt li l-Awtorità tal-Artijiet ma tinnotifikax id-deċiżjonijiet tagħha b'mod pubbliku, kuntrarjament għall-mod kif topera f'ċerti ċirkostanzi pereżempju l-Awtorità tal-Ippjanar. Il-*proviso* taħt is-subinċiż (1)(b) għall-artikolu 57 tal-Kap. 563 huwa maħsub biex jirregola biss lil dik il-kategorija ta' persuni li jkunu milquta direttament mid-deċiżjonijiet jew penali oħra li tiddeċiedi dwarhom l-Awtorità tal-Artijiet. Mhux hekk għal talbiet li jsiru għal stħarriġ ta' atti amministrattivi tal-Awtorità appellata li jsiru taħt is-subinċiż 1(a) tal-istess dispost tal-liġi, li jipprovdi li oġġezzjonijiet jistgħu jsiru minn kull persuna, għal kull tip ta' deċiżjoni li tittieħed mill-Awtorità, irrispettivament minn jekk din ġietx notifikata b'tali deċiżjoni jew le. Il-Qorti hija tal-fehma li f'każ li l-leġiżlatur verament ried li l-oġġezzjonijiet isiru biss minn persuni li jkunu ġew notifikati bid-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Artijiet, għaqdiet u persuni bħall-appellanti li ma jiġux notifikati b'tali deċiżjonijiet ser isibu ruħhom f'sitwazzjoni fejn ma jistgħux

ikunu effettivi fil-ħidma tagħhom u ma jistgħu jieħdu l-ebda azzjoni sabiex iwaqqfu deċiżjonijiet li jimpinġu b'mod negattiv fuq il-ħarsien tal-ġid komuni bħalma huwa l-ambjent. L-interpretazzjoni mogħtija mit-Tribunal tfisser ukoll li hija l-Awtorità tal-Artijiet li tiddeċiedi min għandu jiġi notifikat bid-deċiżjonijiet tagħha, u għalhekk b'mod indirett ser tkun l-istess Awtorità li tiddeċiedi min għandu jedd iressaq oġġezzjoni mid-deċiżjonijiet meħuda minnha. Ċertament li din ma kinitx l-intenzjoni tal-leġiżlatur, li bis-subinċiż (1)(a) tal-artikolu 57 tal-Kapitolu 563 ta *locus standi* lil organizzazzjonijiet, għaqdiet u individwi bħall-appellanti jressqu oġġezzjoni għal deċiżjonijiet tal-Awtorità, minkejja li ma jkunux huma s-suġġett ta' dawn id-deċiżjonijiet u ma jkunux ġew notifikati bihom. Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment ukoll għal dak li jipprovdi l-artikolu 7 tal-Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi illi:

> "7.(1) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jkun kompetenti li jirrivedi atti amministrattivi tal-amministrazzjoni pubblika fuq punti ta' liġi u ta' fatt.
>
> (2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 5 u fejn xi liġi speċjali tassenja kompetenza lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u sakemm xi dispożizzjoni tal-liġi ma tippreskrivix xi terminu perentorju għall-preżentata ta' xi talba għar-reviżjoni mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, talba biex jiġu riveduti atti ta' amministrazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika taħt dan l-Att għandha tiġi preżentata fi żmien sitt xhur mid-data meta l-parti nteressata ssir taf jew setgħet issir taf b'dak l-att amministrattiv, liema minnhom ikun l-aktar kmieni."

25. F'dan il-każ jirriżulta li l-appellanti saru jafu bid-deċiżjoni tal-Awtorità appellata mill-mezzi tax-xandir, u huma ħadu azzjoni dwarha billi ressqu protest ġudizzjarju kontra l-Awtorità appellata fl-istess ġurnata meta l-Awtorità appellata ffirmat il-ftehim li qiegħed jiġi attakkat b'dawn il-proċeduri. L-appellanti ġew notifikati bil-ftehim iffirmat bejn l-Awtorità u l-FKNK wara li dan

l-istess ftehim ġie anness mal-kontroprotest li l-Awtorità ppreżentat b'risposta għall-protest ġudizzjarju tal-appellanti, u sussegwentement l-appellanti intavolaw il-proċeduri li minnhom qiegħed isir dan l-appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. Il-Kap. 490 jaħseb għal sitwazzjoni fejn 'il-parti interessata' mhux tkun saret taf, iżda 'setgħet issir taf' bl-att amministrattiv li qiegħed jiġi impunjat, u fil-każ odjern li kieku ma kienx għall-media li rrappurtat dwar id-deċiżjoni li ttieħdet mill-Awtorità appellata li tikkonċedi l-imsemmija meded ta' art lill-FKNK, ma kienx hemm mod kif l-appellanti setgħu jsiru jafu b'din id-deċiżjoni, għaliex naturalment din ma ġietx notifikata lilhom. Il-Qorti hija tal-fehma li għalhekk l-appellanti, li kif ġie stabbilit, għandhom *locus standi* jkunu parti minn dawn il-proċeduri bħala għaqdiet involuti fil-qasam tal-ħarsien tal-ambjent, li ħassewhom aggravati bid-deċiżjoni tal-Awtorità, ressqu l-oġġezzjoni tagħhom hekk kif saru jafu bid-deċiżjoni li qegħdin jitolbu li tiġi mistħarrġa, entro t-terminu ta' żmien ta' sitt xhur stabbilit mil-liġi. Għaldaqstant tqis li l-ewwel aggravju tal-appellanti huwa ġustifikat, u tilqgħu.

*It-tieni aggravju:* *[applikazzjoni ħażina tal-liġi u tal-prinċipji legali dwar l-'interess ġuridiku']*

26. It-Tribunal iddeċieda li, ladarba huwa kien qiegħed jistabbilixxi li l-appellanti m'għandhomx *locus standi* sabiex iressqu l-oġġezzjoni tagħhom quddiem it-Tribunal, ikun inutli li jidħol fil-kwistjoni dwar jekk l-appellanti għandhomx l-interess ġuridiku rikjest sabiex jipproponu din l-azzjoni. Il-partijiet involuti f'dawn il-proċeduri ħadu pożizzjoni differenti minn xulxin dwar x'jikkostitwixxi 'interess ġuridiku', u filwaqt li l-Awtorità appellata sostniet li l-interess ġuridiku jrid ikun marbut mad-definizzjoni tradizzjonali ta'

x'jikkostitwixxi 'interess ġuridiku', l-appellanti qegħdin jinsistu li f'każijiet bħal dawn dan il-kunċett irid jingħata interpretazzjoni mill-aktar wiesgħa, in vista tal-artikolu 10 tad-Direttiva 2003/35 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea[1] li jagħti d-dritt lil membri tal-pubbliku li għandhom 'interess biżżejjed' (*sufficient interest*) jippromwovu azzjonijiet bħal dawn. Fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna spiss jintqal li l-interess ġuridiku għall-promozzjoni ta' kawża ċivili jrid ikun attwali, dirett, leġittimu u ġuridiku, u li l-azzjoni promossa jrid ikollha xi forma ta' utilità jew vantaġġ għal min jipproponiha. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment ukoll għal dak deċiż fis-sentenzi tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fl-ismijiet **Michael Borg *vs.* l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**[2], dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet **Britannia Catering Limited *vs.* Kummissarju tal-Artijiet et.**[3] Tagħmel ukoll riferiment għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fl-ismijiet **Amato Gauci *vs.* Zammit**[4], fejn inkiteb illi:

> "Hu risaput li jekk azzjoni ma tkunx kapaċi twassal għal riżultat utli għal min jipproponiha minħabba fatt sopravvent għall-istituzzjoni tal-kawża li jeżawrixxi jew jestingwi l-interess, dik l-azzjoni ma tistax treġi."

27. Mill-atti jirriżulta bl-aktar mod ċar li din l-azzjoni ġiet proposta minn individwi u għaqdiet li huma attivi f'ħidma għall-ħarsien ambjentali u li qegħdin joġġezzjonaw għad-deċiżjoni tal-Awtorità appellata primarjament għaliex isostnu li din ittieħdet mingħajr ma ġew osservati proċeduri mandatorji li l-appellata kellha ssegwi qabel tikkommetti art pubblika f'żoni speċjali ta'

---

[1] Tas-26 ta' Mejju 2003 li tipprovdi għall-parteċipazzjoni pubblika rigward it-tfassil ta' ċerti pjani u programmi li għandhom x'jaqsmu ma' l-ambjent u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/337/KEE u 96/61/KE rigward il-parteċipazzjoni pubblika u l-aċċess għall-ġustizzja
[2] 15.05.2012.
[3] 12.04.2011.
[4] 19.05.2004.

konservazzjoni, għall-użu privat tal-membri imsieħba fl-FKNK. Il-Qorti tirritjeni li ma jistax jintqal li r-rekwiżiti li jridu jiġu sodisfatti biex jitqies li l-appellanti għandhom l-interess ġuridiku rikjest kif normalment definit fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, ma jissussistux fil-każ odjern. L-interess tal-appellanti huwa wieħed attwali, għaliex bl-azzjoni tagħhom dawn qegħdin jippruvaw jattakkaw ftehim li qiegħed iċaħħad lill-membri tagħhom u lill-pubbliku in ġenerali milli jaċċedu għall-meded ta' art inkwistjoni għal żmien konsiderevolment twil tas-sena. L-interess tal-appellanti huwa wkoll dirett, għaliex il-konsegwenzi tiegħu qegħdin jaffettwahom b'mod dirett, u huwa wkoll leġittimu għaliex l-appellanti qegħdin jesiġu li qabel tilħaq ftehim bħal dan, l-Awtorità appellata għandha tosserva l-liġi u l-proċedura, partikolarment id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Kodiċi Ċivili li jirregola art li taqa' fid-demanju pubbliku, u obbligi legali oħrajn li jemanu minn liġijiet sussidjarji u direttivi tal-Unjoni Ewropea. L-interess tal-appellanti huwa wkoll wieħed ġuridiku għaliex permezz tiegħu huma qegħdin jittentaw jiksbu rimedju li jkun utili u vantaġġuż għalihom, bil-ħsieb li jekk l-azzjoni tagħhom tirnexxi, il-membri tagħhom u l-pubbliku in ġenerali jerġgħu jiksbu aċċess għall-artijiet inkwistjoni. L-appellanti għamlu riferiment ukoll għall-fatt li wħud mill-obbligi tal-Awtorità tal-Artijiet jemanu minn obbligi internazzjonali imposti minn direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Ewropew, li ġew implimentati fil-liġi Maltija, u li jipprovdu għall-parteċipazzjoni pubblika fit-tħejjija ta' ċerti Pjanijiet u Programmi li jirrigwardaw l-ambjent.

28. It-Tribunal innifsu fid-deċiżjoni tiegħu, għamel riferiment għal waħda mill-ftit deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna li kkonsidraw proprju l-interess ġuridiku ta'

għaqdiet ambjentali u non-governattivi bħall-appellanti, meta dawn jistitwixxu proċeduri legali sabiex joġġezzjonaw għal proġetti u proposti li jkunu ser jolqtu l-pubbliku b'mod ġenerali, meta għamel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Is-Soċjetà *The Ramblers' Association of Malta vs.* l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et**, fejn il-Qorti tal-Appell qieset li abbażi tad-Direttiva 2003/35, illum implimentata fil-liġi Maltija permezz tal-artikolu 41A tal-Kap. 504 tal-Liġijiet ta' Malta, li s-soċjetà The Ramblers' Association of Malta kellha l-interess ġuridiku meħtieġ tintavola azzjoni dwar kwistjoni ta' interpretazzjoni ta' permess tal-ippjanar. It-Tribunal għamel riferiment għal dak li jipprovdi l-artikolu 41A tal-Kap. 504, l-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, li fis-subartikolu 3 tiegħu jgħid illi:

> "Għall-finijiet tas-subartikolu (1), l-interess ta' xi organizzazzjoni mhux governattiva li tippromwovi l-protezzjoni tal-ambjent u li tkun reġistrata taħt l-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji għandu jitqies bħala suffiċjenti."

29. Il-Qorti tqis li mix-xhieda mogħtija minn rappreżentanti tal-għaqdiet appellanti, jirriżulta bl-aktar mod ċar li dawn ilhom snin involuti f'ħidma favur il-ħarsien tal-ambjent, u wħud mill-membri li xehdu għandhom *expert knowledge* fil-qasam. Qieset ukoll li jekk ma jkunux organizzazzjonijiet u għaqdiet bħall-appellanti li joġġezzjonaw għal deċiżjonijiet li jwasslu għal ftehim tax-xorta li l-Awtorità appellata laħqet mal-FKNK, aktarx li l-ebda individwu jew grupp ta' individwi waħedhom, ma jaslu jipproponu azzjoni bħal din, u għalhekk huma għaqdiet u organizzazzjonijiet bħal dawn li għandhom jingħataw għarfien, *locus standi* u rikonoxximent tal-interess ġuridiku li għandu jkollhom f'azzjonijiet ta' din ix-xorta. Għalhekk tqis li anki t-tieni aggravju huwa mistħoqq, u tilqgħu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi l-appell imressaq mill-appellanti billi tilqgħu, tħassar is-sentenza preliminari tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva tal-21 ta' Jannar, 2021, u tordna lit-Tribunal jipproċedi bis-smigħ tal-kawża fil-mertu.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri fl-ewwel istanza u l-ispejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tal-appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**